



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-10 ta' April 2018 – Alcogroup u Alcodis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-274/15)

“Rikors għal annullament – Kompetizzjoni – Akkordji – Swieq tal-bijoetanol u tal-etanol –
Proċedura amministrattiva – Deċiżjoni li tordna spezzjoni – Setgħat ta' verifika tal-Kummissjoni –
Protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti – Dokumenti skambjati
wara spezzjoni preċedenti – Rifjut tal-Kummissjoni li l-proċeduri ta' ksur inkwistjoni jiġu sospiżi –
Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament – Stħarriġ tal-legalità – Kriterji – Teħid inkunsiderazzjoni biss tal-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data tal-adozzjoni tal-att kontenzjuż*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punt 61)

2. *Atti tal-istituzzjonijiet – Deċiżjoni – Validità – Evalwazzjoni irrISPettivament minn irregolaritajiet eventwali fl-eżekuzzjoni*

(ara l-punt 63)

3. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Kunċett – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Atti preparatorji – Esklużjoni*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 71 sa 75, 80)

4. *Rikors għal annullament – Rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' rifjut li jiġi rtirat jew emendat att preċedenti – Ammissibbiltà li tiġi evalwata fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi kkontestat l-att inkwistjoni*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punt 76)

5. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Proċedura amministrattiva għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni – Miżuri meħuda matul il-proċedura ta' spezzjoni – Possibbiltà li tiġi kkontestata d-deċiżjoni finali adottata mill-Kummissjoni skont ir-regoli tal-kompetizzjoni*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punt 91)

6. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Inammissibbiltà tar-rikors għal annullament kontra miżuri li ma jipproduċux effetti legali vinkolanti – Possibbiltà għall-partijiet fil-kawża li jikkontestaw tali miżuri permezz tar-rikors għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni*

(Artikoli 263 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE)

(ara l-punt 92)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 1769 finali tat-12 ta' Marzu 2015 indirizzata lil Alcogroup kif ukoll lill-kumpanniji kollha kkontrollati direttament jew indirettament minnha, inkluża Alcodis, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (AT.40244 – Bioethanol), u tal-ittra tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2015 indirizzata lil Alcogroup fil-kuntest tal-investigazzjonijiet AT.40244 – Bioethanol u AT.40054 – Oil and Biofuel Markets.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Alcogroup u Alcodis għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- 3) L-Orde van Vlaamse Balies, l-Ordre des barreaux francophones et germanophone u l-Ordre français des avocats du barreau de Bruxelles għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom sostnuti f'din l-istanza.